# 100 sena ilu titwaqqaf in-Notabile Troop

KUMMISSJONI FESTA ESTERNA
SAN ĠUŻEPP – RABAT MDINA
1844 – 2019

Fl-1918 fi ħdan il-Każin L'Isle Adam, bl-inizjattiva tal-President l-Avukat Dunstan G. Bellanti twaqqfet truppa ta' Boys Scouts bl-isem ta' Notabile Troop. L-inawgurazzjoni tagħha saret nhar Ħadd 16 ta' Frar 1919. Il-Banda L'Isle Adam daqqet programm fuq is-Saqqajja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Emanuele Bartoli.

Fost is-siltiet kien hemm Marcia Sinfonica tal-istess surmast u l-overture I Lituani ta' Ponchielli, li kienu mfaħħra ħafna. Wara li l-Banda daqqet ir-IV att ta' L'Otello ta' G. Verdi, waslu bil-motor car l-Onor. Edgar Bonavia u s-Sinjura tiegħu, li kienu milqugħin mill-Iscouts, mill-Avukat Bellanti u mill-kumitat. L-Onor. Bonavia spezzjona t-truppa u wara tela' fuq il-palk flimkien mal-President u għamel diskors bil-Malti, lil Boys Scouts u lil Banda speċjalment lis-Surmast Bartoli.

Wieġbu l-President li rringrazzja l-Onor. Bonavia f'isem kulħadd. Fl-istess ħin l-Onor. Bonavia ppreżenta lis-Surmast tazza sabiħa tal-fidda f'isem l-ammiraturi, fost l-applaws ta' dawk preżenti. Imbagħad il-Boy Scouts immarċjaw sal-Każin fejn intlaqgħu mill-kumitat, diversi saċerdoti u sinjuri oħra. Sadanitant il-banda temmet il-programm tagħha fuq is-Saqqajja u telqet b'marċ sal-każin ukoll biex tkompli tallegra l-okkażjoni.







